# IL-BANDA "LEONE' ta' Għawdex u l-Baned Melleħin

*Kitba ta' Grazio A. Grech*

Għall-aħħar tas-sena 1896 u bidu 1897 l-organizzazzjoni tal-festi esterni ta' Santa Marija li tiġi ċċelebrata fil-Belt Victoria u l-Katidral ta' Għawdex ġew fdati uffiċjalment, mill-awtorità kompetenti, f'idejn il-kumitat tas-Soċjetà filarmonika 'Leone' tal-Belt Victoria, Għawdex.

Din ir-responsabilità wasslet sabiex mal-medda tas-snin, is-Soċjetà Mużikali 'Leone' tagħmel dak kollu possibbli biex tkompli tkabbar din il-festa tradizzjonali imma wkoll biex bl-akbar mod xieraq tonora lil Assunta b'diversi modi.

Fost l-affarijiet li għamlet is-Soċjetà Filarmonika 'Leone' f'dan ir-rigward kien li bdiet tistieden baned oħra sabiex flimkien mal-banda Cittadina 'Leone' jkabbru bid-daqq ferrieħi tagħhom il-festi esterni ta' Santa Marija. Tnejn minn dawn il-baned kienu iż-żewġ baned Melleħin, jiġifieri, l-banda 'La Vittoria' u l-banda 'Imperial'.



*Il-Banda La Vittoria fit-Tokk, Għawdex waqt il-Marċ ta' filgħodu.*

Jidher li l-konnessjonijiet bejn il-banda 'Leone' u l-baned tal-Mellieħa tmur lura lejn is-snin tletin, meta l-banda 'La VIttoria' dak iż-żmien taħt Mro. Willie Attard, ġiet mistiedna u fil-fatt ħadet sehem kemm lejlet kif ukoll f'nhar il-festa ta' Santa Marija ta' l-1934.

Infatti dak in-nhar l-banda 'La Vittoria' għamlet marċ mal-banda 'Leone' lejlet il-festa, 14 ta' Awissu, u wara esegwiet programm fit-Tokk taħt id-direzzjoni tas-surmast tagħha, Mro W. Attard. Fost il-mużika li daqqet dak in-nhar nsemmu, l-Marcia-Sinfonika, 'Primavera Italica'; s-Sinfonija, 'Orfeo' u il-Fantasiji: 'Tosca' ta' Puccini, 'Lucia' ta' Donizetti, u 'Aida' ta' Verdi. [1]

L-għada, 15 ta' Awissu, Jum l-Assunta, l-banda 'La Vittoria' daqqet marċi waqt il-purċissjoni li dak iż-żmien kienet għadha ssir filgħodu u mingħajr statwa, waqt li filgħaxija, il-banded 'La VIttoria' u dik ta' 'San Ġużepp' tal-Hamrun, li s-surmast tagħha kien ukoll Mro W. Attard, daqqew bċejjeċ mużikali alternattivi fit-Tokk.[2] Il-bċejjeċ li l-banda 'La Vittoria' daqqet f'nhar il-festa kienu, l-Marcia-Sinfonika, 'Cavalleri a Leggiera'; s-Sinfornija, 'Gli Orani ed i Criazi' u l-Fantasiji: 'Il Trovatore' ta' Verdi; 'Vedi Napoli e poi Morì ta' Giumarra, u 'Torniamo al Antico' ta' Manente.[3]

Is-sehem tajjeb li tat il-banda 'La Vittoria' fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1934 tant kien tajjeb li wassal sabiex il-kumitat tas-Soċjetà 'Leone', jerġa jistieden lill-banda 'La Vittoria' għal-festa ta' Santa Marija ta' l-1935 [4] u ta' l-1936. [5]

Wara li ntemmet il-gwerra nerġgħu nsibu lil banda 'La Vittoria' tieħu sehem fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1944 meta ħadet sehem lejlet il-festa,[6] waqt li fl-1945 l-banda 'La Vittoria' ħadet sehem nhar it-12 ta' Awissu, u għamlet marċ mal-banda 'Leone' li fih kienet inġarret l-istatwa ta' Santa Marija mil-Vajringa, l-post fejn kienet tinżamm din l-istatwa, sat-Tokk, fejn tpoġġiet fil-knisja ta' San Ġakbu. [7] Sehem ukoll ħadet il-banda 'La Vittoria' fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1960 u ta' l-1961 meta għamlet marċi matul triq it-Tiġrija, llum triq ir-Repubblika, u wara esegwiet programm mużikali fit-Tokk.[8]




*Il-Banda La Vittoria tferraħ l-Għawdxin u lit-Turisti, fil-Festa ta' Santa Marija.*

Mill-1987 'l hawn il-banda 'La Vittoria' taħt it-tmexxija tas-surmast tagħha, Mro H. Camilleri, l-kumitat tal-banda 'Leone' fdalha, biex ingħid hekk, l-aktar marċ tradizzjonali u ferrieħi, magħruf bħala l-marċ ta' l-Għarxra ta' nhar il-festa. [9] Żgur li l-kumitat tal-banda 'Leone' kif ukoll il-partitarji tas-Soċjetà Filarmonika 'Leone' u naturalment is-Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria' huma kburin li dan il-marċ, tradizzjonali u popolari, għadu jsir bl-istess entużjażmu u briju ta' l-imgħoddi u li għalih jattendu eluf ta' nies.

Is-Soċjetà Filarmonika 'Leone' fl-1944 ħatret bħala surmast direttur tagħha, lil Mro Willie Attard, [10] li mill-1932 sa l-1938 u bejn l-1952 sa l-1957 kien direttur tal-banda 'La Vittoria'. [11] Mro Willie Attard irtira minn mal-banda 'Leone' fl-1957. [12] Dan ifisser li għal xi żmien Mro Attard kien surmast direttur kemm tal-banda 'Leone' kif ukoll tal-banda 'La Vittoria'.

Matul iż-żmien li Mro Willie Attard dam direttur tal-banda 'Leone' nsibu li kkompona għadd ta' bċejjeċ mużikali li llum jinstabu fl-arkivju tas-Soċjetà Mużikali 'Leone'. Ikkompona wkoll għadd ta' innijiet fosthom l-innu 'Lil Madonna tas-Sokkors' fl-1946 għar-raħal ta' Kerċem. Għawdex, [13] kif ukoll l-innu 'Lil Santa Marija' għar-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex li ġie mżanżan fl-1951. [14]

Tliet avvenimenti storiċi li l-banda 'Leone' għaddiet minnhom fi żmien Mro W. Attard kienu dik ta' l-1947 meta ġie mfakkar egħluq il-50 sena meta s-Soċjetà ġabet l-istatwa u egħluq il-50 sena mindu is-Soċjetà 'Leone' ġiet fdata uffiċjalment il-festi esterni ta' S. Marija. [15] Iż-żewġ okkażjonijiet l-oħra kienu, dik ta' l-1950 meta ġiet proklamata id-Domma ta' l-Assunzjoni, [16] u naturalment dik ta' l-1956 meta s-Soċjetà 'Leone' rregalat l-istatwa tagħha ta' l-Assunta lill-Katidral tad-Djoċesi Għawdxija. [17]



*Il-Partitarji tal-Banda Leone jifirħu fil-Marċ ta' filgħodu mal-Banda La Vittoria*

Flok Mro W. Attard il-banda 'La Vittoria' ħatret lil Mro Vincenzo Ciappara bħala surmast direttur. [18] Iżda ma kellux jgħaddi żmien wisq meta l-banda 'Leone' ikkuntatjatu sabiex jikkomponilha innu marċ. Infatti dan ġie mżanżan fl-1959 u minħabba l-popolarità tiegħu għadu jindaqq sa llum. Il-versi ta' dan l-innu, 'Lil Santa Marija' huma tal-ex-President tal-banda 'Leone', Ganni Cremona. [19] Barra dan, il-banda 'Leone' fl-arkivju mużikali tagħha tippossiedi wkoll għadd ta' kompożizzjonijiet ta' Mro V. Ciappara. Mro Ciappara ġie li wkoll ħabbat eventwalment lil-Banda 'Leone.'

Il-banda 'Imperial' ukoll ġie li ġiet mistiedna għall-festa ta' Santa Marija. Dan ġara fis-sena 1951 meta l-banda għamlet marċ u programm lejlet il-festa, [20] u fl-1962 meta għamlet marċ f'nhar il-festa. [21] F"dawn iż-żewġ okkażjonijiet il-banda 'Imperial' kienet taħt it-tmexxija ta' Mro Anthony Sammut. [22] Mro A. Sammut kien idderieġa l-banda 'Leone' fi programm li kien sar nhar il-15 ta' Ġunju, 1957 fi Pjazza Sant'Wistin, Rabat, Għawdex, fl-okkażjoni tal-festi Ċentijarji ta' Santa Rita. [23]

Konnessjoni oħra riċenti li l-banda 'Leone' għandha mal-banda 'Imperial' seħħet għall-aħħar tas-sena 1991 meta l-banda 'Leone' ħatret lil Alfred Debattista, għalliem ta' l-alljievi, sezzjoni ta' l-injam, tal-banda 'Imperial', bħala għalliem ta' l-alljievi, sezzjoni injam, tal-banda 'Leone'. [24]



*Wara l-Marċ ta' filgħodu, il-Kumitat tal-Banda Leone jagħti ikla lill-Kumitat u lill-Bandisti tal-Banda La Vittoria*

Wieħed jittama li s-sehem tal-banda 'Leone', din is-sena, fil-festa ta' Marija Bambina, fil-Mellieħa, jkun ta' bidu biex il-banda Ċittadina 'Leone' ta' Għawdex, tkompli ta' kull sena tieħu sehem f'din il-festa bħalma ilha tagħmel sa mill-1987 il-banda 'La Vittoria' fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Belt Victoria, Għawdex.

1. Il-Berqa, 11/8/34 u 22/8/34
2. L-istess
3. Il-Berqa, 11/8/34
4. Arkivju Soċjetà Filarmonika Leone, Rabat, Għawdex, (ASFL): L.b. Cassa, 1926-1936, Awissu, 1935.
5. L-istess, Awissu 1936
6. ASFL: Lib. Sedute 21/2/32 - 18/3/49, pp. 60, 62
7. Il-Berqa, 11/8/45
8. Għawdex: 15/8/60, 1/8/61
9. Programmi Festa Santa Marija, Rabat, Għawdex, 1987-1992
10. ASFL: Lib. Sedute 21/2/32 - 18/3/49, pp 41-43.
11. Ktejjeb: Banda 'La Vittoria' Mellieha - 75 sena, Mejju, 1982
12. ASFL: Lib. Sedute 14/3/54 - 24/3/60, Seduta 11/6/57
13. Arkivju Parroċċa Kerċem: Lib. Esito Festività del Totolare 1892-1963, f 111
14. Arkivju Parroċċa Żebbuġ, Għawdex, Lib. Esito di Festa del Titolare 1915-1973 f 83
15. Il-Berqa, 2/5/1947
16. Il-Berqa, 11/11/50 u 16/11/50
17. Il-Berqa, 26/4/56, 3/5/56; Grech Grazio A.: Ġrajja tas-Soċjetà Filarmonika Leone, Għawdex, 1988, L-ewwel ktieb.
18. Ktejjeb: Banda 'La Vittoria' ... op. cit.
19. Il-Berqa, 12/11/59 u Grech Grazio A. Ġrajjiet il-Banda Leone ta' Għawdex, Għawdex, 1967, p. 57
20. Għawdex, 12/8/51
21. Il-Berqa, 2/8/62
22. Ktejjeb maħruġ mill-Għaqda Mużikali 'Imperial' fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Bambina Mellieħa, 1987, p. 26; u ktejjeb Festa tal-Vitorja, 1991, maħruġ mill-banda 'Imperial', p. 25;
23. Il-Berqa, 13/6/57;
24. Ktejjeb Festa tal-Vitorja, 1991, maħruġ mill-banda 'Imperial' p. 47; u RIvista, 'L-Aurora, Leħen il-Banda Leone' April 1992, Nru 26, p. 10.

**Grazio A. Grech**